

Kitba ta' Sandro Debono

# Indulġenzi u Kummerċ fis-Seklu Tmintax Dokument Importanti li Jixħet Dawl Ġdid fuq l-istatwa Titulari ta' Santa Katarina

Statwa titulari ta' parroċċa tiġbor fiha aspirazzjonijiet u sens ta' identita' parrokkjali bħal ftit xogħlijiet artistiċi oħra. L-vara titulari taż-Żejtun mhix eċċezzjoni. L-interventi li għaddiet minnhom setgħu biddlu xi ftit mill-identita' ta' din ix-xbiha u dan kollu seta' wassal biex jintesa l-oriġini storiċi tagħha. Dokument fl-Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili li nstab dan l-aħħar mill-awtur ta' dan l-artiklu u qed jiġi ppublikat għall-ewwel darba f'dan il-fuljett, jixħet dawl ġdid fuq din l-istatwa u jipproponi għall-ewwel darba data għal din l-opra (i).

## Talba lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi

L-indulġenzi kienu ferm popolari fis-seklu tmintax u ma setx jonqos li dawn jintalbu biex iqajjmu devozzjonijiet partikolari. Il-vara titulari taż-Żejtun kellha wkoll indulġenza marbuta magħha li jidher li ntesiet mal-medda taż-żmien. It-talba formali għal din l-indulġenza tressqet lejn tmiem is-sena 1762 mis-saċerdot Żejtuni Domenic Abela. (1). Traduzzjoni bil-Malti ta' din it-talba tgħid dan:

*Is-Saċerdot Domenico Abela... sudditu tal-eċċellenza tiegħek jesponi illi* ***dan l-aħħar għadha kemm saret vara ġdida ta' Santa Katarina Verġni u Martri Lixandrina għall-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun.*** *Sabiex isaħħaħ id-devozzjoni tal-poplu ta' dan ir-raħal lejn din ix-xbieha, qiegħed jitlob indulġenza perpetwa ta' erbgħin jum għal min jgħid 'missierna' u 'sliema' quddiem din l-istatwa......*

It-talba ġiet ukoll milqugħha u kkonfermata mill-Isqof ta' dak iż-żmien, Bartholomeus Rull. Skrizzjoni b'din l-indulġenza tidher li ġiet mqegħda ħdejn saqajn din ix-xbiha u ritratti tal-vara meħudin lejn tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-Seklu għoxrin jixhdu l-fatt li din żammet postha sa dak iż-żmien.

Id-data ta' din is-*Supplica* flimkien ma' dik li kiteb Dun Dumink jagħtina ħjiel tal-possibilta li din il-vara ġdida setgħet żżanżnet għall-festa titulari ta' l-1762. L-kliem miktub jindika li din ix-xbiha ġdida ħadet post oħra aktar bikrija. Dan kollu jsib konferma f'referenzi għall-eżistenza ta' statwa ta' Santa Katarina f'inventarji tas-seklu sbatax (ii). B'dan it-tagħrif ġdid, il-wasla tal-vara issa tista titpoġġa f'kuntest aktar wiesa ta' dak li kien qed jiġri fiż-Żejtun u l-ġrajjiet tal-poplu tiegħu fis-seklu tmintax.

## Tradizzjoni

Min ħadem din l-istatwa kif ukoll min seta kien wara din l-opra ġdida s'issa għadu xi ftit jew wisq mistur. Madankollu, teżisti tradizzjoni qawwija li din ix-xibha ssawwret Spanja (iii). L-ikonografija tal-vara ssaħħaħ bil-bosta din it-tradizzjoni (iv). Iżda fil-kuntest ta' dan id-dokument, din it-tradizzjoni issa għandha bażi storika tabilħaqq interessanti marbuta ma' għemil iż-Żwieten fin-negozju tal-brigantini.

Fis-seklu tmintax dan in-negozju kien ferm importanti għall-ekonomija tal-pajjiż. Hawnhekk, qegħdin nitkellmu fuq sistema fejn wieħed seta' jinvesti l-flus fuq vjaġġ biex b'hekk jieħu sehem mill-qliegħ li jirrendi n-negozju li jseħħ matul il-vjaġġ. Dan in-negozju ta' bejgħ u xiri ta' diversi prodotti kien isir mal-bliet importanti tal-Mediterran tal-punent u kien jintemm fl-ibliet Spanjoli ta' mal-kosta tal-Mediterran. Iżjed tard, fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, il-Maltin jibdew saħansitra jifthu l-ħwienet tal-merċa tagħhom f'dawn l-ibliet Spanjoli bl-għan li jsostnu dan in-negożju. L-qliegħ kien wieħed konsiderevoli. Hekk li bjen l-1761 u l-1762 il-Maltin esportaw 'l barra minn Spanja madwar **608480 pesos fuertes** (munita Spanjola tal-perjodu), il-parti kbira tagħhom lejn Malta (v). Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li dawn huma biss iċ-ċifri uffiċċjali għaliex jeżistu bosta indikazzjonijiet ċari li din is-somma kienet iżjed minn hekk. L-esportazzjoni tal-qoton lejn dawn l-ibliet Spanjoli kien ukoll sors ieħor ta' qligħ għall-Maltin.

Mdaħħlin sew f'dan in-negozju nsibu ż-Żwieten. Hawnhekk toħroġ ċara l-preferenza taż-Żwieten lejn **Valencia** għalkemm insibuhom wkoll f'postijiet oħra. Fl-1771, terz tal-Maltin ġewwa Valencia kienu Żwieten (vi). F'Jativa, belt viċin ħafna ta' Valencia, aktar minn nofs il-Maltin kienu Żwieten (vii). Meta wieħed iħares lejn la-mmont ta' Maltin fi Spanja, kif ukoll il-popolazzjoni



**Il-vara titulari qabel l-intervent tas-snin tletin. Jidher dettal tal-indulġenza.**

ferm iċken tal-irħula tagħna, dan l-ammont huwa wieħed konsiderevoli (viii).

Lejn is-snin sittin tas-seklu tmintax, il-Maltin ta' Valencia kien jidhru organizzati sw. Valencia kienet żviluppat f'ċentru kummerċjali mportanti. Il-Maltin jidhru li għamlu suċċess ub dew jiġbdu l-għir ta' negozjanti oħra. It-twaqqif fl-1763 ta' assoċjazzjoni ta' negozjanti hekk imsejħa ***Gremio de Mercaderes de Vara*** jidher li kien tentattiv biex jaqta barra lill-kompetituri tan-negozjanti Franċiżi fin-negozju ġewwa Valencia (ix). Biex jilqgħu għal din it-theddida, iż-**Żejtun Giovanni Camilleri** ntagħżel biex jiddefendi l-interessi tan-negozjanti Maltin (x). L-ewwel membru Malti li aktar tard irnexxielu jidħol fil-*Gremio de Mercaderes de Vara* kien ukoll **Żejtuni: Angelo Borg** (xi). Dan kollu juri li ż-Żwieten kellhom rwol attiv fil-kommunita' Maltija ta' din il-belt u kienu rispettati minn kulħadd.

L-effett ta' dan in-negozju kien jinħass sew fiż-Żejtun. Rapport tal-***Camera del Commercio*** magħmul għall-ħabta tal-1776 iressaq il-proposta ta' twaqqif ta' skejjel tat-tagħlim fil-kottonera. Iż-żewġ postijiet l-oħra proposti kien iż-Żejtun u ż-Żurrieq u dan minħabba l-fatt li f'dawn il-postijiet seta jiltaqa ma' numru ta' negozjanti (xii). Dawn l-iskejjel baqgħu ma nfetħux. Madankollu, fiż-Żejtun infetħet skola aktar tard bis-saħħa ta' Dun Alwiġ Camilleri u bl-għajnuna tal-konslu Spanjol residenti fiż-Żejtun.

## Konklużjoni

Id-dokument iressaq il-wasla ta' vara ġdida b'seklu 'l quddiem u joffri għall-ewwel darba data għall-wasla ta' vara titulari ġdida (xiii). Il-kuntest storiku joffri l-possibilta biex wieħed jifhem għaliex il-vara titulari taż-Żejtun ġiet minn Spanja u mhux minn ċentru artistiku ieħor. Illum il-ġurnata, dinl-istatwa tiġbor fiha aspirazzjonijiet ta' identita parrokkjali u sors ta' devozzjoni li jidher li kien mixtieq minn dawk li rsistew biex tinkiseb din l-indulġenza. Jkun fatt pożittiv kieku din l-indulġenza terġa tiġi mogħtija l-ħajja. Skrizzjoni żgħira tista faċilment titqiegħed fil-post oriġinali. B'hekk tiġi fis-seħħ tifkira tal-miġja ta' xbiha li minkejja li bidlet suritha tul iż-żmien tibqa simbolu tal-kult ħaj lejn din il-qaddisa.

## Noti

i A.A.F., Supplice, Vol.8 (1762-1776), fol.105.
ii Ibid.
iii J.Abela, 'Zejtun - Santa Katarina' f' *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u Ghawdex u l-Festi Taghhom*, Vol II, PIN, 281. Abela jikkwota inventarju migbur minn Don Pasquale Zahra fis-seklu XVII li fih jissemmew diversi oggeti li jappartjenu lil xbiha ta' din il-qaddisa fosthom kuruna u xabla tal-fidda, kif wkoll ornamenti tal-perla u salib tad-deheb.
iv M.Buhagiar, *St. Catherine of Alexandria, Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands*,102. "...The gilt and painted wood statue of St. Catherine was imported from Spain in the late nineteenth century..."
v Vide S. Debono, *Santa Catalina de Alejandria : Ikonografija Spanjola fil-Vara titulari taz-Zejtun*, Programm tal-Festa Ghaqda Muzikali Beland, 2000.
vi Vassallo, *Corsairing to Commerce, Maltese Merchants in XVIIIth century Spain*, Malta University Publishing, 1997, 109, 110. Fi skudi Maltin dawn jissarfu ghal 1,381,249scud. (1peso fuerte : 2.27 scudi).

vii Ibid., 256. Cifra moghtija ghall-1771. L-ammont kumplessiv ta' Maltin f'Valencia kien jaqbez il-mitejn ruh. L-awtur jaghti dawn ic-cifri ghall-perjodu bejn l-1750 u l-1800.

viii Ibid. Cifra moghtija ghall-1791.

ix Ibid., 153. L-awtur jaghti dawn ic-cifri ghall-perjodu bejn l-1750 u l-1800.

x Ibid., 33. Din kienet assocjazzjoni ta' negozzjanti, dik li bl-Ingliz tissejjah 'gild'.

xi Ibid, 301.Giovanni jew Juan Camilleri kellu dar u artijiet fiz-Zejtun. F'Valencia kellu hanut u dar. L-genituri tieghu kienu jghixu bir-renti tal-propjeta li kellhom.

xii Ibid., 300. Angleo Borg twieled iz-zejtun fl-1734. Jidher li kien propjetarju ta'zewgt idjar u xi artijiet f'Malta. Kellhu wkoll hanut fil-belt ta' Valencia u lejn tmiem is-seklu kien wkoll jikri d-djar f'din il-belt.

xiii Ibid., 274.

xiv Tajjeb hawnhekk li wiehed jqabbel d-data l-gdida li jipproponi d-dokument tal-indulgenza ma' dati ta' statwi titulari ohra bhal per ezempju San Gorg ta' Hal Qormi (1740), L-Madonna tal- Grazzja (c.1797), Santa Marija (1808), Santa Katarina Zurrieq (1818), Sant Andrija - Luqa (c.1781). Vide G. Lanfranco, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Taghhom*, Klabb Kotba Maltin, 1999, 2-69.

*B'dedika lil missieri.*


Ill.mo e R.mo Monsig.re ... Sacerdote ... Domenico ... Umil.mo servo, e suddito di V.S. Ill.ma e R.ma riv.te espone, che ultimamente nella parte S.ta Chiesa della terra Zeitun sua Patria fece una nuova Ucona, o sia figurato di S. Caterina Vergine, e Martire Alessandrina, ... al popolo di d.ta terra Zeitun la devozione verso d.ta figura bramerebbe l'indulgenza ... in perpetuo a chiunque devotamente visitarebbe un pater noster, ed una ave ... d.ta figura

Id-dokument oriġinali ta' l-indulġenza.


## Għandek il-Ġnien tad-Dar Tiegħek li tixtiequ fi stat aħjar?

Mela ċempel 21 464158
jew mobile 9949 5994

# SAVIOUR MIFSUD

'Sylsav', Triq l-Eroj, Żebbuġ

Jagħmlu kull xogħol ta' Tindif bl-użu ta' gafef u servizz ta' Ġardinara